MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**REFALO JOSEPH S.**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2002

Talba Numru. 522/2002/1

**Ian Abela Fitzpatrick ezercenti l-kummerc bl-isem "The Servicing Network"**
**vs**

**Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, Mario Pickard fil-kapacita` tieghu ta' garanti in solidum, u Mario Pickard personalment bhala ezercenti l-kummerc bl-isem "Ideal Dwellings"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mill-attur fl-4 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenuti lill-attur in rigward ghall-ammont ta' elf u tlieta u sittin lira Maltija (Lm1063.00) bhala bilanc rimanenti dovut mill-konvenuti lill-attur konsegwentement ghall-servizzi lilhom rezi u ghal apparat lilhom misluf u dana fuq ordni tal-konvenuti stess kif jirrizulta minn, u skond "Computer Leasing**

**Agreements" datati l-ewwel wiehed it-23 ta' Marzu, 2000 skond liema ftehim ghad baqa' dovut mill-konvenuti l-ammont ta' mija u disgha u sebghin lira Maltija u erbghin centezmu (Lm179.40), u tnejn ohra datati l-1 ta' Settembru, 2000 illi skond l-ewwel ftehim hekk datat ghad baqa' dovuti mill-konvenuti l-ammont ta' hames mija u erbghin lira Maltija u sittin centezmu (LM540.60), waqt illi skond it-tieni ftehim hekk datat ghad baqa' dovuti mill-konvenuti l-ammont ta' tlett mija tlieta u erbghin lira Maltija (Lm343.00), in rigward ghall-ammont ta' mija sebgha u tletin lira Maltija (Lm137.00)bhala bilanc rimanenti dovut konsegwentement ghall-Maintenance Agreement ta' bejniethom, u in rigward ghall-ammont ta' tlett mitt lira Maltija li ghadhom ukoll dovuti bhala ammonti ulterjuri skond l-istess skritturi msemmija u illi in rigward taghhom il-konvenuti pprezentaw lill-attur cheques f'dak il-valur li ma gewx onorati;**
**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut Mario Pickard fil-kapacita tieghu personali ta' garanti in solidum, u ta' Mario Pickard personalment bhala ezercenti l-kummerc bl-isem "Ideal Dwellings", prezentata fit-2 t'April, 2002, fejn intqal:**
**i. Illi, in linea preliminary, l-esponent Mario Pickard m'huwiex il-legittimu kontradittur ghat-talba attrici, u ghalhekk jitlob li jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju f'din l-istanza, stante illi l-istess esponent qatt ma ezercita kummec bl-isem "Ideal Dwellings", oltre li l-istess esponent qatt ma kellu relazzjoni guridika personali u diretta mal-attur;**
**ii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess u dwar il-mertu, l-esponent jeccepixxi ulterjorment illi t-talbiet attrici huma eccessivi;**
**iii. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess dwar il-mertu, l-esponent jeccepixxi ulterjorment illi t-talbiet attrici jimmeritaw illi jigu respinti fl-intier taghhom, stante illi l-attur kien ghal kollox inadempjenti fil-qadi ta' l-inkarigu moghti lilu mis-socjeta` Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, liema nadempjenza rrekat danni**

**ngenti lill-istess socjeta` konvenuta kif jigi pruvat aktar dettaljetament fil-mori tal-kawza.**

**Ra n-nota prezentata mill-attur fl-24 t'Ottubru, 2002, li biha ceda l-atti tal-kawza kontra l-konvenuti Mario Pickard fil-kapacita` tieghu ta' garanti in solidum u Mario Pickard bhala ezercenti l-kummerc bl-isem "Ideal Dwellings", filwaqt li zamm ferm l-atti fil-konfront tas-socjeta` Ideal Dwellings (Turnkey) Limited.**

**Ra li s-socjeta` konvenuta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Antonio Tufigno li kkonferma li l-ammont ghadu dovut lill-attur minn Ideal Dwellings (Turnkey) Limited. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz fil-konfront tal-konvenuti Mario Pickard fil-kapacita` tieghu ta' garanti in solidum, u Mario Pickard bhala ezercenti l-kummerc bl-isem "Ideal Dwellings", peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata fil-konfront ta' Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba attrici fil-konfront ta' Ideal Dwellings (Turnkey) Limited, u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited thallas lill-attur is-somma ta' elf u hames mitt lira Maltija (Lm1500.00) bl-imghaxijiet legali mill-4 ta' Marzu, 2002.**

**L-ispejjez kollha ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` konvenuta Ideal Dwellings (Turnkey) Limited skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**